Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2004

Rikors Numru. 401/1992/1

**Kenneth Abela bhala Segretarju, Emanuel Scerri bhala President u Alfred Mifsud bhala Kaxxier ghan-nom u in rapprezentanza tad-D.S.E.S.U (Drydocks Senior and Executive Staff Union)**

**vs**

**Onorevoli Prim Ministru, Sammy Meilaq bhala Chairman tal-Kunsill tal-Malta Drydocks u in rapprezentanza ta` l-istess Malta Drydocks, ghal kull interess li jista` jkollu u b`nota tat-18ta' Apri 1997 il-Professur Noel Zarb Adami assuma l-atti ta` dan ir-rikors minflok l-istess Sammy Meilaq fl-istess kwalita`**

Il-Qorti

Rat ir-rikors kostituzzjonali ta` Drydocks Senior and Executive Staff Union (D.S.E.S.U.) fejn gie premess:-

Illi fuq talba tar-rikorrenti, il-Ministru kien irrefera t-tilwima industrijali fil-Malta Drydocks lit-Tribunal Industrijali fl-1 ta` Awissu 1988 biex tigi kunsidrata u deciza;

It-terms of remit tad-DSESU kienu s-segwenti:

"It-Tribunal qed jigi mitlub: 1. Jiddeciedi li l-Kunsill tal-Malta Drydocks irregolarment waqqaf l-gharfien tad-DSESU minghajr raguni valida u minghajr ma kkonsulta mad-DSESU u bla ma ha l-passi mehtiega flimkien mad-Direttur tax-Xoghol u ma din il-Union biex jaccerta ruhu dwar ir-rapprezentanza tad-DSESU; 2. Billi s-Senior and Executive Staff tal-Malta Drydocks iridu lil din l-Union biss tkompli tirrapprezentahom, tikkonferma dan permezz ta` vot sigriet u liberu fost il-haddiema manigerjali li kienu fuq il-kotba tat-Tarzna nhar is-6 ta` Lulju 1988, issorverljat mit-Tribunal Industrijali fil-Qorti stess, u jikkonferma l-gharfien skond il-prattika f`Malta u f`pajjizi barranin skond il-principju ta` 50% + 1, retroattiva ghad-data tas-6 ta` Lulju 1988; 3. Jikkunsidra x`kumpens ghandu jithallas mill-Malta Drydocks lid-DSESU bies itaffu t-tbatijiet finanzjarji u danni socjali, morali u psikologici li batew minhabba din id-decizjoni abusiva";

It-terms of remit tal-Malta Drydocks kienu s-segwenti:

"Jiddikjara li d-DSESU m`ghandhiex bhala membri taghha l-maggoranza tal-Managers tal-MDD u ghalhekk ma setghetx tibqa` rikonoxxuta bhala l-union li tirraprezentahom.";

Illi l-ligi tipprovdi (art. 31(1) tal-Kapitolu 266) li l-Award tat-Tribunal Industrijali ghandu jinghata fi zmien erbatax-il gurnata mid-data meta l-kaz jigi riferit lilu;

Illi t-tribunal Industrijali kien kompost minn Tonio Portughese B.A. (Hons.), M.A., bhala Chairman, u Alfred Mallia Milanes u Abel Giglio, Dip. Educ. Guid., bhala

Membri, u ghal certu zmien Joseph Debattista NDA, CDA, ND, AGRIC.E., li rrizenja;

Illi t-Tribunal Industrijali zamm l-ewwel seduta tieghu tliet xhur wara li l-kaz gie riferit lilu, jigifieri fit-28 ta` Ottubru 1988;

Illi t-Tribunal Industrijali laqa` talba tal-Malta Drydocks biex jigu ammessi bhala xhieda l-Managers kollha li kienu jahdmu fil-Malta Drydocks fis-6 ta` Lulju 1988, cioe` d-data meta t-Tarzna rtirat l-gharfien ewlieni lid-DSESU;

Illi wara oggezzjoni mid-DSESU ghall-mistoqsija tal-Kunsill tal-Malta Drydocks, it-Tribunal Industrijali, wara li osserva li m`ghandux il-vesti jew kompetenza mehtiega biex jiddeciedi punt ta` dritt kostituzzjonali li jemergi mid-domanda maghmula lix-xhud dwar f`liema union hu msieheb, iddecieda li f`dan l-istadju huwa ma jistax jiehu aktar konjizzjoni tal-kaz qabel ma jkun hemm decizjoni mill-Prim Awla tal-Qorti Civili bhala qorti kostituzzjonali;

Illi d-DSESU keinet konstretta tirtira l-oggezzjoni, u fit-2 ta` Awissu 1990 bdew jinstemghu l-ewwel xhieda mressqa mill-Malta Drydocks biex jigi mistqarr bil-miftuh is-shubija ta` kull manager tal-Malta Drydocks, minkejja l-oggezzjoni bil-qawwa mid-DSESU. Gara pero` illi t-Tribunal Industrijali spicca jisma` lil kull xhud li ressaq Sammy Meilaq, anke jekk uhud ma kienux jahdmu hemm fid-data rilevanti ghall-kaz;

Illi b`dan il-mod, bil-produzzjoni ta` xhud wara l-iehor, f`ezercizzju ta` vot miftuh u fi sfond mhux nieqes minn intimidazzjoni, il-proceduri quddiem it-Tribunal damu jkaxkru ghal kwazi tlett snin sat-28 ta` Mejju 1991 sakemm gew differiti ghad-decizjoni tat-Tribunal;

Illi fl-20 ta` April 1989 it-Tribunal Industrijali ried minghand il-partijiet “sottomissjonijiet li setghu jkunu finali” izda wara kellu ripensament u fit-2 ta` Mejju 1989 fis-seduta li kellhom jigu pprezentati dawn l-hekk imsejjha sottomissjonijiet li setghu jkunu finali, iddecieda li ma jhallix li jigu pprezentati dawn u accetta talba tal-Kunsill

tad-Drydocks li l-managers kollha (`l fuq minn 100) jitressqu biex jixhdu u jghidu bil-miftuh ma liema union huma membri;

Illi t-Tribunal dam kwazi sena biex ta d-decizjoni tiehu, cioe` mill-25 ta` Lulju 1991 sas-27 ta` Mejju 1992 meta nghatat id-"decizjoni", liema "decizjoni" wara kollox kellha forma ta` rakkomandazzjoni mhix vinkolanti u ma ddeterminat xejn. Dina kienet tipprovdi illi:

"F`dawn ic-cirkostanzi, it-Tribunal Industrijali jirrakomanda biex fi zmien mhux izjed minn xahrejn mid-data ta` din id-decizjoni, issir votazzjoni sigrieta u libera organizzata mill-Kummissjoni Elettorali, preferibilment f`post li jassigura l-liberta`, tal-hsieb u ta` l-espressjoni li fiha l-impjegati ezistenti tas-Senior Staff (i.e. il-managers appuntati sal-gurnata tal-lum) ighdu ta` liema Union huma membri. B`din ir-rakkomandazzjoni l-M.D. ikollu verifika u vizzjoni izjed certa bit-tnehhija ta` kull dubbju li jista` jkun hemm, u dan ikun ghas-sodisfazzjoni ta` kulhadd.";

Illi effettivament, avolja t-terminu ta` "mhux izjed minn xahrejn" ilu li ghalaq, id-drydocks ma tax widen ghar-"rakkomandazzjoni" tat-Tribunal Industrijali, u dan kif kien mistenni. B`hekk id-Drydocks wera li huwa oghla mil-ligi, filwaqt li haddiehor li suppost ghandu dritt ghal rimedju gudizzjarju baqa` minghajr ir-rimedju garantit mill-Kostituzzjoni;

Illi fit-3 ta` Gunju 1992, ir-rikorrenti ghamlu rikors ghall-interpretazzjoni ta` din in-non-decizjoni, u cioe` biex it-Tribunal jiddeciedi, skond it-terms of remit taz-zewg partijiet, jekk l-irtirar ta` l-gharfien ewlieni kienx illegali u abuziv, izda dan ir-rikors baqa` ma giex dekretat, u fl-4 ta` Awissu 1992 sar rikors gdid. Fit-12 ta` Novembru 1992 inghatat decizjoni ohra mit-tribunal Industrijali li halla kollox kif kien;

Illi inoltre meta r-rikorrenti talbu lill-Kumissjoni Elettorali zzom vot sigriet kif rakkomandat fid-decijzoni tat-Tribunal Industrijali, din wiegbet illi "Il-Kummissjoni tikkunsidra li tmexxi elezzjoni kif mitluba minnek wara li tircievi talba

mill-partijiet kollha koncernati”, u b`hekk il-Kummissjoni Elettorali wkoll injorat ir-rakkomandazzjoniji tat-Tribunal Industrijali;

Illi ghalhekk jekk il-Malta Drydocks ma jaghtix il-kunsnes tieghu biex isir vot sigriet kif “rakkomandat” mit-Tribunal Industrijali, ir-rikorrenti jibqghu minghajr rimedju legali;

Illi peress li t-Tribunal Industrijali injora u naqas li jaghti provvediment dwar it-“Terms of Remit” taz-zewg partijiet b`mod li ma ddecidiex il-kwistjoni li giet riferita lilu ghad-decizjoni tieghu;

Illi dan kollu jivvjola d-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti nomine, senjatament id-dritt ghal “smiegh xieraq gheluq zmien ragonevoli” (art. 39 tal-Kostituzzjoni) u l-protezzjoni ta` liberta` ta` ghaqda u assocjazzjoni (art. 42 tal-Kostituzzjoni), kif ukoll ta` l-art. 6.1 u 11 tal-Konvenzjoni Ewropea;

Ghalhekk ir-rikorrenti talbu li dina l-Qorti taghmel dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi li tqies xierqa sabiex tizgura t-twettieq ta` l-artikoli fuq isemmija, fosthom billi tiddikjara illi hemm vjolazzjoni tad-dritt ghal “smiegh xieraq gheluq zmien ragonevoli” u d-dritt ghal rimedju quddiem qorti kif ukoll tal-liberta` ta` ghaqda u assocjazzjoni, u li taghti kull rimedju xieraq gahd-dewmien, fosthom kumpens ghall-ksur ta` dawk id-drittijiet;

Rat ir-risposta ta` l-intimat Onorevoli Prim Ministru fejn gie sottomess :-

1. Illi huwa mhux edott mill-fatti u jirriserva li jirrispondi ulterjorment skond il-kaz;

2. Illi, b`danakollu, jidher mil-premessi tar-rikorrenti illi parti mid-“dewmien” li r-rikorrenti jallegaw li kien hemm fis-smiegh tal-kaz taghhom, huwa attribwibbli lilhom stess;

3. Illi t-Tribunal Industrijali mhuwiex prekluz milli jaghti decizjoni fil-forma ta` rakkomandazzjoni skond ic-cirkostanzi tal-kaz. (Artikoli 31 u 32 tal-Kap. 266);

4. Illi skond il-ligi "in materia" it-Tribunal ghandu s-setgha li jharrek xhieda u persuni li fil-fehma tieghu jkunu rilevanti ghad-determinazzjoni tat-tilwima involuta (Art. 30);

5. Illi trattandosi ta` rakkomandazzjoni ossia parir, ir-rikorrenti ma setghux jirrikorru ghand l-istess Tribunal biex dana jaghti interpretazzjoni ta` "rakkomandazzjoni", meta dik il-procedura hija kontemplata biss fil-konfront ta` decizjoni jew sentenza (art. 35);

Rat ir-risposta tal-intimat Sammy Meilaq nomine fejn gie sottomess : -

1. Illi fl-ewwel lok, din il-Qorti ghandha tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha ai termini ta` l-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta` Malta u l-artikolu 4(2) ta` l-Att XIV tal-1987 dwar il-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem billi r-rikorrenti nomine kellhom u/jew ghandhom mezzi ohra xierqa ta` rimedju ghall-ksur allegat;

2. Illi l-proceduri inizzjati mir-rikorrenti nomine quddiem it-Tribunal idnustrijali inghataw smiegh xieraq fi zmien ragonevoli fic-cirkostanzi billi kienu l-istess rikorrenti nomine li kkagunaw id-dewmien li seta` kien hemm meta pprezentaw proceduri kontra il-membri tat-Tribunal Industrijali fil-kors tal-proceduri quddiem l-istess tribunal u ripetutament holqu kwistjonijiet li bilfors tawlu z-zmien tal-proceduri. Iz-zmien ta` erbatax-il jum imsemmi fl-artikolu 31(1) tal-Kapitolu 266 huwa biss rakkomandatorju – "kull meta jista "ikun";

3. Illi fuq kollox illum dawk il-proceduri ntemmu u hemm decizjoni u ghalhekk ma baqax lok ghal ilmenti dwar dewmien;

4. Illi din il-Qorti m`ghandiex issa tippermetti li r-rikorrenti jinqdew b`dawn il-proceduri biex joholqu appell

mid-decizjoni tat-tribunal. Evidentement dan hu l-iskop tar-rikorrenti nomine li barra d-decizjoni tat-tribunal, diga` tilfu zewg kawzi ohra konnessi mal-kwistjoni tar-“recognition”;

5. Illi r-rikorrenti nomine huma prekluzi milli jiehdu azzjoni unilterali ghar-revizjoni ta` din id-decizjoni tat-Tribunal ai termini tal-artikolu 34 tal-Kap. 266);

6. Illi dwar l-ezegwibilita` tad-decizjoni tat-Tribunal Industrijali, l-istess rikorrenti nomine jaqblu li l-parti li titkellem dwar ir-rakkomandazzjoni ta` vot sigriet mhijiex vinkolanti. Dan ghar-raguni semplici li m`hemm xejn fil-ligi li jawtorizza lit-tribunal jordna vot sigriet dwar l-gharfien ta` Union. L-gharfien jinghata dejjem lill-union li bhala fatt ikollha l-maggoranza ta` l-impjegati koncernati membri taghha. Kien biss f`kazijiet fejn kien hemm incertezza matematika dwar il-membri f`union li bi ftehim bejn il-partijiet kollha koncernati inzammet votazzjoni sigrieta. F`dan il-kaz dan ma setax isir principalment minhabba li l-union li tgawdi l-gharfien ma kenitx involuta fil-proceduri quddiem it-Tribunal Industrijali;

7. Illi ghalkemm f`termini mhux mill-aktar felici, pero b`mod car bizzejjed, it-Tribunal Industrijali iddecieda t-talbiet quddiemu u qabel li l-Malta Drydocks kienet gustifikata fl-agir taghha, billi strettament mil-lat ta` dokumentazzjoni il-M.D. kellu quddiemu indikaturi ta` caqlieqa fil-“membership” u b`analizi purament ta` dokumenti kif prezentati mill-GWU u ic-‘check off forms’ il-M.D. seta` kellu xi bazi purament matematika fid-decizjoni tieghu”;

8. Illi fid-decizjonijiet tieghu it-tribunal industrijali jeihu hsieb jizgura li l-gustizzja ssir skond il-meriti tas-sustanza tal-kaz u jasal ghal-konkluzjonijiet tieghu fuq kull haga b`dak il-mod li jidhirlu xieraq (Art. 31 (3) Kap. 266), u fl-ghoti tad-decizjonijiet jew pariri tieghu jipprova jghin it-twettieq tal-politika socjali u ekonomika tal-Gvern, u in generali ghandu jedd jezercita certa diskrezzjoni sakemm ma jmurx kontra l-ligi (Art. 32 Kap. 266);

9. Illi anqas dwar il-lanjanza ta` ksur tal-liberta` ta` ghaqda u assocjazzjoni ma ghandhom ragun ir-rikorrenti billi la huma u hadd mill-membri taghhom ma gew imcahda minn dan id-dritt jew gew imfixkla b`xi mmod fl-ezercizzju tieghu;

Rat l-atti l-ohra kollha tar-rikors u d-dokumenti esibiti;

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta' Frar 1993 minn fejn jirrizulta li l-partijiet qabblu illi (1) fis-27 ta' Mejju 1992 it-Tribunal Industrijali ta' award fil-kwestjoni mressqa quddiemu (2) illi t-Tribunal Industrijali fit-12 ta' Novembru 1992 ta' provediment fuq rikors ghall-interpretazzjoni u (3) li llum m'ghadx hemm proceduri pendenti quddiem it-Tribunal;

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta' Mejju 1997 minn fejn jirrizulta li l-intimat Prim Ministru assocja ruhu fl-eccezzjoni tal-Malta Drydocks rigwardanti l-ezawriment tar-rimedji ordinarji;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimat Onorevoli Prim Ministru;

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza dwar l-eccezzjoni rigwardanti l-esawriment tar-rimedji ordinarji skond l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni;

Ikkonsidrat:

F'dawn il-proceduri ir-rikorrenti hi union mgharufa bhala Drydocks Senior and Executive Staff Union (D.S.E.S.U.). L-intimati huma l-Onorevoli Prim Ministru u l-Kunsill tal-Malta Drydocks in rappresentanza tal-istess Malta Drydocks;

Fir-rikors promotur taghha l-union rikorrenti tippremetti li l-Ministru koncernat kien irrifera, lit-Tribunal Industrijali, tilwima industrijali bejn l-istess union rikorrenti u l-intimati

Malta Drydocks. Din il-vertenza industrijali kienet tittratta principalment dwar ir-rikonoxximent jew l-gharfien tal-union rikorrenti da parti tal-intimati Malta Drydocks. In effett il-union tallega li l-intimati Malta Drydocks kienu waqfu l-gharfien taghha minghajr raguni valida u minghajr ma saru accertamenti dwar lill minn effettivament kienet tirrappresenta l-istess union. L-intimati Malta Drydocks, da parti taghhom, sostnew li l-union rikorrenti ma kelliex bhala membri taghha l-maggoranza tal-managers u ghalhekk ma setghetx tibqa` rikonoxxuta bhala l-union li tirraprezenthom;

Il-union rikorrenti tilmenta li dawn il-proceduri quddiem it-Tribunal damu pendenti ghal zmien esagerat. Tilmenta dwar kif tmexxew dawn l-istess proceduri mit-Tribunal stess, b'mod partikolari ghar-rigward tax-xhieda li thallew jigu prodotti. Tilmenta ukoll li finalment it-Tribunal ta' d-decizjoni tieghu li kienet forma ta` rakkomandazzjoni li mhux vinkolanti fuq il-partijiet. Difatti t-Tribunal kien irrikmanda li fi zmien determinat issir votazzjoni sigrieta u libera organizzata mill-Kummissjoni Elettorali fejn l-impjegati ezistenti tas-Senior Staff ighdu ta` liema Union huma membri;

Il-union rikorrenti tkompli tippremetti, ovvjament fir-rikors promotur, li l-intimati Malta Drydocks ma segwewx din ir-rakkomandazzjoni u b'hekk l-istess union rikorrenti baqghet minghajr rimedju. Inoltre l-Kumissjoni Elettorali rrifjutat li zzomm l-imsemmi vot sigriet kif rakkomandat mit-Tribunal Industrijali peress li ma kienx hemm talba f'dan is-sens mill-partijiet kollha koncernati;

Il-union rikorrenti ssostni, li minhabba dan kollu, gew ivvoljati d-drittijiet fondamentali taghha senjatament id-dritt ghal smiegh xieraq gheluq zmien ragonevoli ai termini tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u d-dritt ghall-protezzjoni ta` liberta` ta` ghaqda u assocjazzjoni ai termini tal-artikolu 42 tal-Kostituzzjoni, kif ukoll dawk id-drittijiet protetti bl-artikoli 6(1) u 11 tal-Konvenzjoni Ewropea;

Ghalhekk il-union rikorrenti qed titlob li jsiru l-ordnijiet, jinhargu l-atti u jinghataw id-direttivi sabiex jigi assigurat it-

twettieq tad-drittijiet fundamentali in kwestjoni u cioe d-dritt ghal smiegh xieraq gheluq zmien ragonevoli u d-dritt ghal rimedju quddiem qorti u d-dritt ghall-liberta` ta` ghaqda u assocjazzjoni u li jinghataw ir-rimedji kollha skond il-ligi;

Fl-ewwel lok l-intimati Malta Drydocks qed jeccepixxu li din il-Qorti ghandha tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha ai termini ta` l-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta` Malta u l-artikolu 4(2) ta` l-Att XIV tal-1987 dwar il-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem billi l-union rikorrenti kellha u ghad ghandha mezzi ohra xierqa ta` rimedju ghall-ksur allegat;

Fil-kors tas-seduta tas-16 ta' Mejju 1997 l-intimat Onorevoli Prim Ministru assocja ruhu mal-imsemmija eccezzjoni preliminari tal-intimati Malta Drydocks rigwardanti l-ezawriment tar-rimedji ordinarji;

In effett bil-presenti qed tigi deciza l-imsemmija eccezzjoni preliminari tal-intimati;

Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha l-union rikorrenti tissottometti li l-intimati naqsu li jindikaw liema huma dawn il-mezzi ordinarji li kienu jew li ghadhom a disposizzjoni taghha. Din hi kwestjoni ta' indole kostituzzjonali u b'tali kwestjoni trid bilfors tigi investita din il-Qorti, li ghandha gurisdizzjoni esklussiva. Il-union rikorrenti tissottometti li l-provedimenti in kwestjoni cioe' l-proviso ta` l-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 4(2) tal-Konvenzjoni Ewropea mhux intizi biex persuni ma jithallewx jadixxu l-Prim`Awla fuq kwestjonijiet kostituzjonali. Hawnhekk qed jigi allegat li gew lesi diversi drittijiet fondamentali, u l-Qorti m`ghandiex tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha. Ghal kuntrarju l-Qorti ghandha id-dover li tisma` u tiddeciedi dwar dawn il-lanjanzi. Ghalhekk, skond il-union rikorrenti, dina l-eccezzjoni preliminari hi ukoll frivola;

Fin-nota ta` sottomissjonijiet tieghu, l-intimat Onorevoli Prim Ministru jissottometti li r-rimedju kostituzzjonali huwa rimedju straordinarju, u wiehed m'ghandux imur ghal dan ir-rimedju straordinarju qabel ma jkunu gew ezawriti l-

mezzi kollha ordinarji. L-intimat Prim Ministru jkompli jissottometti li l-union rikorrenti messa ghazlet li tmur ghar-rimedju tar-revizjoni gudizzjarja tad-decizjonijiet ta' Tribunali, fejn id-decijzonijiet ta` tribunali amministrattivi dejjem gew sindikati. L-intimat Onorevoli Prim Ministru jsostni li l-kwisjtoni dwar jekk Tribuanl imwaqqaf b`ligi osservax id-dettami tas-smigh xieraq jew le hija prettament materja ta` dritt amminstrattiv diskutibbli f`kawza ordinarja fejn isir ezami tal-legalita` tad-decizjoni tat-Tribunal. F'dan ir-rigward il-qrati dejjem asserew l-gurisdizzjoni taghhom u konsegwentement fil-kaz in esami r-rimedji ordinarji ma gewx ezawriti;

Din il-Qorti mhux daqshekk konvinta li f'dan il-kaz ir-rikorrenti kellhom a disposizzjoni taghhom azzjonijiet ohra (ordinarji) apparti l-presenti azzjoni. Dan qed jinghad ghar-rigward ta' dak li qed isostnu l-intimati u cioe' li l-union rikorrenti messa pprocediet quddiem il-qorti ordinarja ghar-revizjoni tad-decizjoni tat-Tribunal Industrijali. Fil-presenti proceduri l-kwestjoni mhux biss dwar l-imsemmija decizjoni tat-Tribunal, izda tirreferi ukoll ghaz-zmien esagerat li, skond ir-rikorenti, hadu l-proceduri quddiem l-istess tribunal. Oltre li tirreferi ukoll, dejjem skond ir-rikorrenti, ghal fatt li huma baqghu bla rimedju u ghal fatt li d-dritt taghhom ghall-liberta' ta' ghaqda u assocjazzjoni kien gie mhedded;

Barra minn hekk ir-revizjoni gudizzjarja, generalment, tiehu l-forma li jigi sindikat jekk it-tribunal in kwestjoni agixxa fil-limiti tal-ligi li in forza taghha huwa kostitwit u sabiex jigi assikurat li l-principji tal-gustizzja naturali gew osservati. F'dawn il-kazijiet, gustament, il-qorti dejjem irrifjutat li tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha ghal dik tat-tribunal. Ghalhekk l-azzjoni tar-revizjoni hi limitata fl-iskopijiet taghha;

L-intimati qed jissottomettu li din il-Qorti ghandha tirrifjuta li tesercita dawk is-setghat u poteri mghotija lilha skond il-provedimenti tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u dana skond il-proviso tal-istess artikolu. M'hemmx dubju li r-rimedju kostituzzjonali hu rimedju straordinarju u zgur li m'ghandux jintuza bhala rimedju ordinarju. Ir-rimedji li qed

jigu mitluba f'dawn il-proceduri pero' zgur li m'ghandhomx jitqiesu bhala “ordinarji” kif jidher li qed isostnu l-intimati;

Fil-kawza fl-ismijiet “Jospeh Bartolo vs Onor. Prim Ministru et” deciza fit-2 ta’ Dicembru 2003 il-Qorti Kostituzzjonali rrimarkat illi – “L-appellanti donnhom jippretendu li ghax, skond huma, kien hemm mezzi xirqa ta’ rimedju, l-ewwel Qorti kienet b’xi mod ‘obbligata’ li tiddeklina milli tesercita s-setghat taghha kostituzzjonali. Kif gie deciz diversi drabi minn din il-Qorti (ara per ezempju “Edward Zahra vs Awtorita’ ta’ l-Ippjanar – 31 ta’ Mejju 1999) anke jekk il-Prim Awla tasal ghall-konkluzjoni li r-rikorrent kellu tali mezzi a disposizzjoni tieghu u ma uzahomx, dik il-Qorti xorta wahda tista tiddeciedi li tinvesti l-meritu mil-lat kostituzzjonali ossia ta’ drittijiet fondamentali, u dan peress li l-proviso in kwestjoni taghmilha cara li f’tali sitwazzjoni il-Prim Awla ‘tista tirrifjuta li tesercita s-setghat taghha’ u mhux ‘ghandha tirrifjuta’. Tali diskrezzjoni (diskrezzjoni riflessa fil-kliem ‘jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk taghamel’) ghandha s’intendi dejjem tigi esercitata fl-ahjar interess tal-amministrazzjoni tal-gustizzja biex minn naha l-wahda il-Prim Awla kif ukoll din il-Qorti – il-Qorti Kostituzzjonali – ma jigux innondati b’kawzi li jistghu jigu determinati minn Qrati ohra u/jew bi proceduri ohra u minn naha l-ohra c-cittadin (jew persuna guridika, skond il-kaz) ma jigix ipprivat mir-rimedji li hu ghandu dritt ghalihom taht il-Kostituzzjoni jew that il-Kapitolu 319.” Ghalhekk anke jekk lill-Prim Awla ikun irrizultalha li r-rikorrenti kellu rimedji ohra a disposizzjoni tieghu, l-istess qorti, fid-diskrezzjoni taghha, tista tghazel li tisma, tittratta u tiddeciedi r-rikors kostituzzjonali li jkun pendenti quddiemha;

Fil-kawzi hekk imsejjha kostituzzjonali, fejn ikun hemm allegazzjonijiet ta' ksur tad-drittijiet funadamentali, l-Qorti ghandha ttendi li tesamina u tiddeciedi dwar dawn l-allegazzjonijiet, bl-eccezzjoni ta' dawk il-kazijiet fejn ikun ragjonevoli u fl-ahjar interess tal-amministrazzjoni tal-gustizzja li l-qorti tirrifjuta li tesercita s-setghat taghha skond il-Kostituzzjoni. Il-Qorti ghandha a disposizzjoni taghha dawk il-mezzi kollha sabiex tassigura li l-process kostituzzjonali ma jigix abbuzat u dana dejjem tenut kont li

cittadin ghandu biss jigi privat f'kazijiet eccezzjonali mir-rimedji li hu ghandu dritt ghalihom taht il-Kostituzzjoni jew taht il-provedimenti tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta;

Difatti l-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza fl-ismijiet "Edward Zahra vs Awtorita' ta' l-Ippjanar" irriteniet li "Il-proviso tas-subinciz 2 tal-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u ta' l-artikolu 4 ta' l-Att XIV tal-1987, jipprovdu ghall-esercizju ta' diskrezzjoni mill-Prim Awla li tirrifjuta s-setgha taghha 'jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk taghmel'. Esercizzju ta' diskrezzjoni wiesgha li l-Kostituzzjoni gustament tinvesti fil-Qorti fl-ewwel grad, li ghandha kompetenza originali esklusiva biex tinvesti kazijiet ta' din ix-xorta u dana sabiex tassigura li l-process gudizzjarju kostituzzjonali ma jigix abbuzat. Esercizzju ta' diskrezzjoni li hi kellha tghamel meta u wara li tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedji ghall-ksur allegat kienu jew huma disponibbli favur il-persuna rikorrenti skond xi ligi ohra. Sodizfazzjoni li jehtieg li jkun bazat fuq stat ta' fatt attwali u obbjettivament stabbilit tad-disponibilita' ta' rimedju ghall ksur allegat u li, fil-kostatazzjoni tieghu, ma kien jippermetti l-ebda element diskrezzjonali."

Fid-dawl ta' dan kollu l-eccezzjoni in kwestjoni qed tigi rigettata;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-eccezzjoni tal-intimati fis-sens li din il-Qorti ghandha tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha ai termini ta` l-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta` Malta u l-artikolu 4(2) ta` l-Att XIV tal-1987 dwar il-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem billi l-union rikorrenti kellha u ghad ghandha mezzi ohra xierqa ta` rimedju ghall-ksur allegat;

Tiddifferixxi l-kawza ghal kontinwazzjoni ghas-seduta tat-2 ta' Novembru 2004.

Spejjez riservati ghal gidizzju finali.

Imhallef

Deputat Registratur

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------